**6 ta' Mejju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Joseph Psaila

**Soprasessjoni**

*L-intimati ppretendew li l-Qorti tissoprassjedi sa kemm jiġu deċiżi l-appelli intavolati fil-konfront ta' degrieti minnha mogħtija. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet din it-talba. Bid-deċiżjoni kontestwali ta' l-appelli mill-imsemmija degrieti l-meritu ta' l-appell miċ-ċaħda għas-soprassessjoni ġie esawrit.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 1984 li bih Joseph Azzopardi wara li ppremetta li fl-10 ta' Ottubru, 1984 għall-ħabta tas-2.30 p.m. huwa mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija akkompanjat mill-avukat tiegħu fuq talba ta' l-Ispettur Joseph Psaila u li huwa dak il-ħin ġie ordnat jieħu l-karozza tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija liema ordni huwa obda; u wara li ppremetta li huwa nżamm arrestat u fit-8.30 p.m. ġie interrogat mill-Ispettur Psaila u mistoqsi domandi dwar imġiba tiegħu li bl-ebda mod ma tikkostitwixxi delitt liema interrogatorju dam għal xi ħmistax-il minuta; wara li ppremetta ulterjorment li mis-2.30 p.m. sat-8.30 p.m. huwa ma kellu ebda ħjiel għala l-libertà tiegħu kienet qed tiġi miċħuda u li anki wara li ġie interrogat huwa nżamm arrestat inutilment u ġie rrilaxxat wara erbgħa u għoxrin siegħa oħra mingħajr ma reġa' ġie interrogat; wara li ppremetta wkoll li inoltre ċ-ċella li fiha huwa nżamm arrestat kienet maħmuġa u nieqsa minn kull iġene umana tant li kienet infestata bin-nemus u minnufih wara l-ħelsien tiegħu mill-arrest kellu jattendi l-Isptar San Luqa biex jirċievi kura medika minħabba l-infezzjoni kkawżata minn nemus; wara li ppremetta li dan jikkostitwixxi arrest arbitrarju kif maħsub fl-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni kif ukoll trattament inuman u degradanti kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, talab li l-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha: (1) issib lill-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali protetti mill-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni; (2) tiddikjara li l-arrest tiegħu jammonta għal arrest arbitrarju u għal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (3) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens għal tali arrest għat-tenur tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni; u

(4) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi skond kif jidhrilha xierqa sabiex tenforza u tassigura s-seħħ tad-drittijiet tiegħu. Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

Rat ir-risposta tat-23 ta' Novembru, 1984, li biha l-intimati rrispondew li (1) ir-rikors kien irritu stante li ma jsemmix id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura kif previsti fir-regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-Qorti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali (2) li subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma adixxa lil din il-Qorti u għalhekk il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti skond id-disposizzjonijiet invokati mir-rikorrent u li (3) subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikors huwa frivolu u vessartorju u l-esponenti ma kisru ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru, 1984 minn fejn jirriżulta illi wara li l-ewwel Onorabbli Qorti tat provvediment in rigward għall-kwistjoni ta' nullità *o meno* tar-rikors promotorju tal-ġudizzju li kienet tqajmet fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 1984, l-intimati appellanti kienu rrilevaw lil dik il-Qorti illi huma kienu appellaw mid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Novembru, 1984, u talbu lil dik il-Qorti tissoprassjedi sakemm jiġi deċiż dak l-appell. B'digriet ta' l-istess seduta cjoè tas-27 ta' Novembru, 1984 l-ewwel Onorabbli Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

L-intimati appellati ħassewhom aggravati b'dan id-digriet li bih ġie ordnat il-prosegwiment tal-kawża u interponew appell mill-istess digriet permezz ta' rikors li ġie ppreżentat fid-29 ta' Novembru, 1984;

Rat ir-rikors imsemmi ta' l-appell ta' l-intimati appellanti li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni msemmija li biha l-ewwel Onorabbli Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża wara t-talba tagħhom biex l-istess Qorti tissoprassjedi sal-eżitu finali ta' l-appell pendenti quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru, 1984, u minflok tiddikjara li l-ewwel Qorti għandha tissoprassjedi kif ingħad, bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant;

Rat ir-risposta tar-rikorrent appellant li biha ssottometta li għar-raġunijiet elenkati fl-istess risposta l-appell interpost kellu jiġi miċħud għax id-deċiżjoni appellata kienet ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti għal dan l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi llum, indipendentement minn jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kienx każ ta' soprasessjoni jew le, stante ż-żewġ sentenżi l-oħra mogħtija llum fiż-żewġ appelli quddiem din il-Qorti bl-istess ismijiet premessi, il-meritu ta' l-appell odjern jinsab fi kwalunkwe każ eżawrit u għalhekk din il-Qorti mhix ser tieħu aktar konjizzjoni tiegħu. Infatti s-soprasessjoni ntalbet sakemm jiġi deċiż il-meritu ta' l-appell mid-digriet ta' l-ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru, 1984, liema appell issa jinsab deċiż. Dan stabbilit huwa inutili li jiġi kontinwat id-diskors fuq is-soprasessjoni;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiddikjara l-meritu tiegħu eżawrit u konsegwentement tastjeni ruħha milli tieħu aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' dan l-appell *stante* ċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.